*l-appellant ma kellu l-ebda dritt jappella mill-aħħar parti tas-sentenza appellata li tolqot lil martu, u din setgħet faċilment tipprevalixxi ruħha mid-dritt tagħha ta' appell bħala terz interessat ai termini tal-artikolu 236 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 162/2018 LM

**Helen Borg (K.I. nru. 160168(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Issam Sawan (K.I. nru. 004212(L))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Issam Sawan (K.I. nru. 004212(L))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2023,

[minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti **Helen Borg (K.I. nru. 160168(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] kif ġej:

> *“Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qiegħed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti għar-ripresa tal-fond numru 89, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u konsegwentement jordna l-iżgumbrament tal-intimat Issam Sawan mill-istess fond u għall-finijiet ta’ żgumbrament qed jistabbilixxi terminu ta’* ***tletin (30) ġurnata*** *minn meta din is-sentenza issir* res judikata.
>
> *Bl-ispejjeż kollha ta’ dawn il-proċeduri a karigu tal-intimat Issam Sawan.*
>
> ***Finalment il-Bord iħoss li għandu jordna li kopja ta’ din is-sentenza tiġi ikkomunikata lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar u lill-Kummissarju tal-Pulizija ħalli jiġi investigat jekk hemmx lok li jitteħdu jipproċedu kontra Jennifer Sawan fuq frodi u/jew dikjarazzjoni falza fost l-oħrajn in konnessjoni mal-applikazzjoni minnha sottomessa mal-istess Awtorità tad-Djar.”***

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-kirja li għandu l-appellant fuq il-dar numru 89 f’Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara, [minn issa ’l quddiem ‘il-fond’] bil-kera annwali ta’ sitt mitt Euro (€600), liema kera hija pagabbli lis-sid tal-imsemmija fond li hija l-appellata. Din tal-aħħar qiegħda tallega li l-appellant mhux qiegħed jagħmel użu mill-fond skont l-iskop li ġie mikri lilu, u dan billi mhuwiex qiegħed jabita fih, u minflok issullokah lil terzi jew ittrasferixxa l-kirja mingħajr il-kunsens espress tagħha.

**Mertu**

3. L-appellata għalhekk istitwiet proċeduri quddiem il-Bord fil-konfront tal-appellant permezz tal-preżentata ta' rikors fit-18 ta' Ottubru, 2018, fejn talbet sabiex l-imsemmi Bord jogħġbu:

*"1. Tawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond 89 Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara, u konsegwentement tordna l-iżgumbrament tal-intimat Issam Sawan mill-istess fond imsemmi u dana f'terminu qasir u perentorju li dan il-Bord jogħġbu jipprefeġġilu, u taħt dawk il-kundizzjonijiet li dan l-istess Bord jidhirlu xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

*Bl-ispejjeż."*

4. L-appellant ippreżenta r-risposta tiegħu fejn eċċepixxa dan li ġej:

*"Illi l-esponenti ġie notifikat bir-rikors tar-rikorrenti fl-indirizz li huwa l-indirizz tal-ex mara tiegħu li minn magħha ilu separat għal diversi snin;*

*Illi nonostante l-esponenti ser jgħaddi biex iwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti;*

*Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti għandha turi li hija s-sid tal-fond in kwistjoni;*

*Illi fit-tieni lok l-esponenti jirrileva li l-fond li għalih saret referenza kien ġie mgħoddi lilu b'titolu ta' ċens mingħand ċertu persuna kunjomha Tedesco u għaż-żmien rimanenti ta' ċens li kien jinkombi fuq il-fond, l-esponenti kien ħallas somma konsiderevoli;*

*Illi meta skada ċ-ċens tal-fond su riferit, dan ġie konvertit f'kera;*

*Illi l-esponenti jirrileva li l-fond 89 fi Triq Fleur-de-Lys, ġewwa Birkirkara huwa r-residenza tiegħu u mhux kif qiegħed jiġi allegat;*

*Illi l-esponenti jiċħad l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu u jirrileva li mhuwiex minnu li huwa ma jonorax il-ftehim tal-kiri u/jew li l-esponenti ma jużax il-fond għal iskop li kien ġie mogħti lilu, ċioe' dak li jirrisjedi fih u/jew li l-esponenti trasferixxa l-fond hekk kif qiegħed jiġi allegat jew li ttrasferixxa l-kirja tal-fond mingħajr il-kunsens espress tar-rikorrenti;*

*Illi r-rikorrenti ma kiser ebda kundizzjoni tal-kiri u għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti għar-ripreża tal-fond 89, fi Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u l-iżgumbrament tal-esponenti mill-istess fond għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti minn issa nġunta in subizzjoni."*

## Is-Sentenza Appellata

5. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra:***

*Esposti l-imsemmija fatti, il-Bord se jgħaddi sabiex jelenka l-prinċipji ġenerali fejn hemm talba għall-iżgumbrament imsejsa fuq il-każwali li l-fond mhux qed jintuża għal skop miftiehem u ċioe' s-segwenti disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili:*

1. *L-artikolu 1554 (a) tal-Kodiċi Ċivili jgħid is-segwenti:*

   'jinqeda bil-ħaġa mikrija bħala missier tajjeb tal-familja, u għall-użu mifthiem fil-kuntratt, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim fuq dan, għall-użu li jista' jiġi preżunt maċ-ċirkostanzi *(fn. 36 Ara f'dan is-sens **John Curmi vs Dr. Joseph sive Josie Muscat** ( App. Ċivili Nru. 1224/1993/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2006 per S.T.O. Prim Imħallef Vincent DeGaetano, Onor. Imħallef Joseph D. Camilleri, Onor. Imħallef Joseph A. Filletti, paġna 8*) 'il-kerrej irid jinqeda bil-ħaġa mikrija bħala bonus paterfamilias *(fn. 37 **Antonio Sant vs Antonio Mallia**, Appell Kummerċjali 26 ta' Novembru 1948 ikkwotata b'approvazzjoni mill-Imħallef Emeritu Philip Sciberras fl-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili, Volum T- Z, paġna 580)*;

2. *L-artikolu 1555 tal-Kodiċi Ċivili jgħid is-segwenti:*

   'Jekk il-kerrej jagħmel mill-ħaġa mikrija użu xorta oħra minn dak li għalih ikun miftiehem, jew preżunt skont l-artikolu preċedenti, jew b'mod li bih jista' jġib ħsara lil sid il-kera, sid il-kera jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob il-ħall tal-kirja'.

***Ikkunsidra:***

*Mingħajr dubju r-rikorrenti u x-xhieda tagħha jipprospettaw li l-intimat kien qed jikri l-fond de quo mingħajr il-permess tagħha. Hija tgħid li dan ma kienx permess u ma*

*tat l-ebda awtorizzazzjoni lill-intimat biex jagħmel hekk. Għaldaqstant, matul medda ta' żmien hija żammet il-fond u l-intimat taħt għajnejha u hija, familjari u konoxxenzi tagħha ġabu provi li fil-fond ma kienx jgħix l-intimat imma nies terzi li ma għandhom x'jaqsmu xejn miegħu tant li f'ċerta istanzi meta mistoqsija dwaru, l-okkupanti lanqas biss kienu jafu lill-intimat! B'hekk ir-rikorrenti qed titlob l-iżgumbrament tiegħu.*

*Minn naħa tiegħu l-intimat u l-ex-mara tiegħu jsostnu li huwa għadu jgħix fil-fond u li din hija r-residenza ordinarja tiegħu. Huma jikkonċedu li huma ilhom żmien separati u li l-intimat imur spiss, jekk mhux ta' kuljum, iżur lilha u lil uliedhom li joqgħodu ftit minuti 'l bogħod mir-residenza miġġielda f'dawn il-proċeduri. L-intimat u martu jisħqu li l-vettura tiegħu tiġi pparkjata viċin ir-residenza tagħha, li hija ngħatat mill-Awtorità tad-Djar fi żmien meta ma kellhiex fejn toqgħod, għax l-intimat ma jsibx fejn jipparkja. L-intimat u martu wkoll jikkonċedu li waqt li huma sseparati kellhom tifla wkoll, barra li kellhom tifel qabel ma sseparaw, u li fil-mument tad-dibattiment tal-kawża din kellha erbatax il-sena.*

***Dunque, il-Bord huwa rinfaċċat b'żewġ verżjonijiet u kunflitt ta' provi u mid-dibattiment tal-kawża, għalkemm ix-xhieda prinċipali ġew eżaminati u kontro-ezaminati mill-partijiet kulħadd żamm ferm mal-posizzjoni aħħarija tiegħu.***

*F'tema ta' kunflitt ta' provi ngħad is-segwenti fil-kawża* ***Mary Rose Caruana et vs Ġorġ Cardona et (Rik. Ġur. 713/2015 RGM)*** *deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2020 per Onorevoli Imħallef Robert G. Mangion:*

Fejn ikun jeżisti konflitt ta' provi bħal fil-każ odjern, il-ġurisprudenza nostrana tgħallem illi ħafna drabi l-qrati jkunu rinfaċċati b'verżjonijiet opposti għal xulxin – meta kawża tkun ikkontestata fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li ser ikun hemm verżjonijiet konfliġġenti, l-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran sedenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966 irritjena li:

'Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għalih. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ tal-probabilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant….. anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt

bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti.'

*Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju 2003 fis-sentenza fl-*ismijiet **Middle Sea Insurance plc noe vs Victor Sammut** *irriteniet illi:*

'Anzi f'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex propju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandiex teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ tal-probabiltajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi.'

*Din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni* ***Dr. Elizabeth Vella M.D. vs Bieb Bieb Limited et (Cit Nru. 2141/2000GC)*** *fid-9 ta' Diċembru 2011 kompliet tissenjala li:*

'Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jeżisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar kredibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatt, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.'

***Fis-sentenza fl-ismijiet Frank Giordimaina Medici et vs William Rizzo et. (Cit. Nru. 984/1994NC)*** *din il-Qorti diversament preseduta fit-28 t' April 2004 ikkonkludiet:*

In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat (App. Inf. **Anthony Camilleri vs Maurice Cachia et** – 22 ta' Novembru 2002)**'**

***Fis-sentenza Perit John M. Gambin vs Fithome Ltd. (Ċit. Nru. 1672/1998*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-6 ta' Mejju 2011 intqal illi* 'Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili**.'** *(fn. 38 Paġna 13 sa 15. Ra ukoll* ***Charles Azzopardi vs P.S. 201 Sandro Magro et.*** *(Ċitazzjoni Nru. 222/96 MCH) deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ġunju 2016 per S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri flimkien mal-Imħallfin Tonio Mallia u Joseph Azzopardi, pġ. 2021;* ***Maureen Wood vs John Attard*** *(Rikors Nru. 22/06 JVC) deċiż mill-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Novembru 2020 per S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti flmikien mal-Imħallfin Joseph R. Micallef u Tonio Mallia, pg. 19;* ***Pio Le Brun et vs David Brydon*** *(Ċitazzjoni Nru. 315/2011) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla nhar id-9 ta' Lulju 2014 per Onorevoli Imħallef Joseph Azzopardi, pġ. 10.)*

***Ikkunsidra:***

*Dwar il-livell ta' prova li jrid jintlaħaq fil-każ ta' sullokazzjoni ntqal is-segwenti:*

'Hu paċifiku illi s-sullokazzjoni jew iċ-ċessjoni tal-inkwilinat mingħajr il-kunsens tas-sid jista' jagħti lok għall-iżgumbrament tal-inkwlin. Il-liġi trid li l-kerrej ikun ottjena l-permess tas-sid biex jista' validament jissulloka l-fond mikri għandu. Dan il-kunsens irid ikun espress u mhux biżżejjed li jkun taċitu jew jiġi argumentat mill-atteġġjament tas-sid' ***(Appell, Imħallef Philip Sciberras – Concetta Theuma et vs Dun Gwann Mercieca et** deċiża fl-20 ta' Frar 1996 - Ara ukoll fost oħrajn Vol. XLII, pl.66). (fn. 39 Pagna 669)*

*Dwar fuq min tinkombi l-prova tan-nuqqas tas-sullokazzjoni jkompli jingħad:*

'Dan għaliex, kif jinsab insenjat,'ma jistax jingħad li hemm sullokazzjoni jew ċessjoni tal-inkwilinat jekk ma jiġux pruvati l-elementi ta' dawn il-figuri ġuridiċi' (Vincenzo Camilleri vs Carmelo Tabone noe, Appell , 27 ta' April 1962). Din il-prova tinkombi di rigore fuq is-sid. 'Tali prova mhux biżżejjed li tkun indizju jew probabilità. Jeħtieġ li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal il-ġudikant għall-konvinċiment illi l-inkwilin ma kienx għadu bħala fatt jużufruwixxi d-drittijiet lilu kompetenti bħala kerrej u li kien għadda dawk id-drittijiet kompriżi fit-tgawdija tal-ħaġa lilu mikrija lil ħaddieħor'- Concetta Theuma vs Reverendu Dun Gwann Mercieca – Appell, 20 ta' Frar 1996' *(fn. 40 Pagni 671-672)*.

*Fil-kawża **Mary Caruana v Giuseppe Abela** u **Salvu Cutajar vs Emmanuel Schembri** ngħad:*

**'**mit-terminoloġija differenti wżata 'l-Artikolu 9 tal-Ordinanza ma hux limitat għaċ-ċessjoni, kif kontemplat mill-Kodiċi Ċivili, iżda tikkolpixxi kull forma ta' trasferiment tal-kirja li ssir mingħajr il-kunsens espress tas-sid, u ma jagħmel ebda distinzjoni bejn trasferiment oneruż u gratuwitu; u konsegwentement mhux rikjest li jkun tħallas xi korrispettiv biex jissussisti t-trasferiment tal-kirja kontemplata fl-Artikolu 9*.' (fn. 41 Pagna 1041, **Mary Caruana v Giuseppe Abela** – 08.01.2010 u l-Qorti tal-Appell **Salvu Cutajar vs Emmanuel Schembri** deċiża fis-7 ta' Ottubru 1996)*

***Ikkunsidra:***

*Ben ferm dan l-insenjament ġurisprudenzjali, l-Bord iqis li għandu jevalwa x-xhieda u l-komportament tagħhom mhux biss fis-sustanza imma l-atteġġjament tagħhom kemm waqt l-ispezzjonijiet li saru fil-fond kif ukoll il-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Kif hu ben risaput il-Qorti tista' tieħu ukoll kont tad-*demeanour *tagħhom waqt li jkunu fuq il-pedana tax-xhieda huma u jixhdu quddiemha. (fn. 42 Ara fuq il-komportament tax-xhieda **Il-Pulizija vs Desiree Camilleri** (App. Nru. 429/2017) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imħallef Aaron Bugeja; **Il-Pulizija vs***

***Tristan Sciberras** (App. Nru. 91/2020) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imħallef Aaron Bugeja; **Il-Pulizija vs Jefrin Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imħallef Aaron Bugeja u **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it- 30 ta' Marzu 1963 per Onor. Imħallef W. Harding) Il-Bord jinnota l-aggressività kemm tal-intimat kif ukoll ta' Jennifer Sawan fit-tweġibiet tagħhom tant li kemm-il darba kellu jintervjeni dan il-Bord. Dan juri li waqt il-kontro-eżami tagħhom huma l-ħin kollu kienu fuq id-difensiva għalkemm kif diġà ingħad aktar 'il fuq kienu konsistenti. Però wieħed jista' jkun konsistenti kemm fil-verità kif ukoll fin-nuqqas tagħha.*

*Il-Bord ma jistax lanqas jinjora li diversi xhieda tar-rikorrenti kif ukoll ir-rikorrenti stess raw fil-fond diversi drabi diversi nies li ma kinux l-intimat. Saħansitra x-xhieda Albert Pico u Anton Gauci li marru ma' żewġ ir-rikorrenti jħabbtu fil-fond qalu li sabu raġel ta' nazzjonalità Pakistana li ma kienx l-intimat u meta staqsewh fuq l-intimat hu qalilhom li ma jafux. Barra minn hekk meta ppressawh x'kien qed iħallas kera hu għalqilhom il-bieb f'wiċċhom. Mhux wens għall-intimat li jiddikjara fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li dawn l-allegatament barranin li allegatament intlemħu fil-fond jew addirittura nstabu hemm ma tellgħux jixhdu. Hemm provi diretti kif ukoll indiretti li jxaqilbu serjament favur it-teżi tar-rikorrenti li l-intimat ma kienx qed jabita hemm u allura bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu.*

*Il-Bord ikkunsidra wkoll iċ-ċirkostanzi u ż-żjara li għamlet f'żewġ okkażjonijiet il-Perit Beverly Costa. Waħda fl-2014 fejn ma nqala' xejn u l-oħra fl-2018 fejn tant il-Perit Costa ħassitha mheddha bil-komportament tal-intimat Sawan li ċemplet lill-pulizija u saħansitra ma ħassithiex sigura li kellha titlaq mill-fond. Il-Bord isaqsi għalfejn il-Perit Costa ma tħallitx tagħmel xogħolha fit-tieni mawra tagħha fil-fond jekk verament l-intimat ma kellu xejn x'jaħbi f'dik l-okkażjoni? Dan l-inċident żgur ma jistax jimmilita favur it-tesi tal-intimat li huwa kien qed jonora kompletament l-obbligi kontrattwali tiegħu billi kien qed jgħix hu fil-fond u hu qatt ma krieh lil terzi mingħajr il-kunsens tas-sid.*

***Ikkunsidra:***

*Il-Bord ħa nota tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma li ġew ippreżentati fil-mori tal-proċeduri. L-ewwel nett hemm varjazzjonijiet sostanzjali meta wieħed iħares lejhom fuq perijodu ta' żmien. Kieku dak li tenna l-intimat li hu jkollu miegħu lil uliedu huwa minnu, il-Bord kien jistenna li tali kontijiet kienu jkunu aktar lineari. Il-Bord ma jistax jieħu li għandu mis-sewwa l-intimat meta jgħid li kellu xi ħsara fil-meter tas-servizzi. Din hija dikjarazzjoni tiegħu biss u mhix sustanzjata bi provi. Ir-rappreżentant tal-*

*ARMS li xehed ma ġiex mistoqsi xejn dwar dan mill-intimat u lanqas ittella' xi ħadd biex jikkonferma dan il-fatt. Għaldaqstant, tali asserzjoni qatt ma ġiet ippruvata u l-Bord fid-dawl tal-provi kollha miġjuba quddiemu ma jistax jistrieħ fuqha.*

*Minbarra dan, il-Bord innota li fuq il-kontijiet jidher li fil-fond hemm reġistrati **żewġ persuni**. Dan il-fatt ma ġiex kontradett mill-intimat u allura huwa ma jistax jitwemmen li fil-fond de quo kien qed jgħix waħdu jekk verament kien qed jgħix hemm. Din il-prova tkompli wkoll iddgħajjef it-teżi tiegħu.*

***Ikkunsidra:***

*Illi huwa ammirevoli li l-intimat u Jennifer Sawan baqgħu f'relazzjoni tajba wara li huma ddikjaraw li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabilment wara l-2003. Kellu bzonn kull koppja li tissepara ġġib ruħha ċivilment kif qed jipprospettaw l-intimat u l-ex-mara tiegħu. Madanakollu, il-Bord ma jistax jinjora li f'Ottubru 2007 twieldet it-tieni wild tagħhom, ossija madwar ħames (5) snin minn mindu kienu sseparaw. Jidher li dik is-separazzjoni għadha in vigore u ma kienx hemm proċeduri biex tali separazzjoni tiġi newtralizzata. Bħala regola meta ż-żwieġ jerġa' jissewwa jkun hemm atti ċivili li juru dan.*

*F'dan il-każ ma hemm xejn minn dan u allura għal darb'oħra meta l-Bord iħares lejn l-assjem tal-provi wieħed bil-fors jikkonkludi li l-intimat u Jennifer Sawan tal-anqas sa l-2007 kienu qed jgħixu bħala koppja, tant li iddeċidew li jġibu tarbija oħra fid-dinja! Il-fatt li diversi xhieda xehdu li lemħu lill-intimat dieħel u ħiereġ mir-residenza ta' fejn jgħixu Jennifer Sawan ma' uliedhom ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Bord li Issam u Jennifer Sawan komplew tul il-medda tas-snin jgħixu bħala koppja u dan fir-residenza lilhom mwellija mill-Awtorità tad-Djar. Dunque r-residenza ordinarja ta' Issam Sawan hija, meta wieħed iħares lejn il-provi kollha b'mod oġġettiv, ir-residenza numru 117, Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Hu verosimili wkoll li meta ngħatat id-dar mill-Awtorità tad-Djar lejn l-aħħar tal-2014, l-intimat issulloka d-dar 89, fi Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara lil terzi minn wara dahar ir-rikorrenti u dan bi qliegħ għalih. (fn. 43* Ara paġna 670 u 671 tal-**Alfabett tal-Kodiċi Ċivili: Volum S** fejn l-Imħallef Emeritus Philip Sciberras jgħid testwalemt: 'Dan hu spjegat f'din l-istess deċiżjoni fuq bażi tar-raġonament tal-legittimità tal-interess tas-sid li ma jħallix lil-kerrej tiegħu jispekula u jagħmel profitt minn fuq ħwejġu')

***Għal dawn ir-raġunijiet kollha hawn fuq esposti l-Bord jemmen li r-rikorrenti ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi u t-talba tagħha tistħoqq li tiġi milqugħa."***

6. L-appellant jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) il-Bord naqas milli jagħmel evalwazzjoni tal-provi li ġew ippreżentati quddiemu; (b) Jennifer Sawan mhijiex parti fil-proċeduri odjerni, iżda x-xhieda tagħha għandha mis-sewwa, u l-Bord wasal għal konklużjoni skorretta fejn ordna li kopja tas-sentenza għandha tiġi kkomunikata kif indikat minnu.

7. L-appellata ppreżentat it-tweġiba tagħha fis-16 ta' Awwissu, 2023 fejn sostniet li l-appell odjern huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u għaldaqstant l-aggravji għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-appellant.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellata.

*L-ewwel aggravju: [il-Bord naqas milli jagħmel evalwazzjoni tal-provi]*

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Bord naqas milli jagħmel evalwazzjoni tal-provi li tressqu quddiemu. Isostni li fis-sentenza appellata, il-Bord irrileva li huwa jinsab rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet u kunflitt ta' provi fejn kulħadd baqa' jżomm ferm il-pożizzjoni tiegħu. Jgħid li l-Bord ikkunsidra l-atteġġjament tax-xhieda fuq il-pedana, partikolarment dik tal-ex mara tiegħu, fejn iddikjara li hija kienet aggressiva fit-tweġibiet tagħha, u b'hekk wasal għall-konklużjoni li x-xhieda tagħha m'għandhiex mis-sewwa. L-appellant jgħid li l-

Bord sab ukoll li huwa wera aggressività waqt ix-xhieda tiegħu, u li dan kien juri li dak li kien qed jgħid ma kienx veritier. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qalet l-istess Jennifer Sawan fix-xhieda tagħha tal-5 ta' April, 2022, u li dak li qalet kien ġie kkonfermat minn Andrew Xuereb, rappreżentant tal-Housing, l-appellant jissottometti li jekk din uriet xi ftit reżiljenza, dan kien attribwibbli għall-fatt li kienu saru mistoqsijiet dwar affarijiet personali tagħha meta hija ma kinitx parti mill-kawża. L-appellant jinsisti li jekk tassew huwa kellu xi ħaġa x'jaħbi, huwa ma kienx itella' lill-ex mara tiegħu tixhed. Jissottometti li l-Bord ma kkunsidrax dak li qalu x-xhieda li ressaq hu u dak li ntqal fil-kontro-eżamijiet imwettqa minnu. L-appellant jinsisti li l-ex mara tiegħu għadha tiddependi fuqu, u ma kien hemm xejn ħażin li żewġ persuni separati jibqgħu ċivili ma' xulxin kif rikonoxxut mill-Bord. Jinsisti li huwa qatt ma kien aggressiv, u minflok dejjem iddefenda l-pożizzjoni tiegħu. Spjega li l-fond u r-residenza tal-ex mara tiegħu jinsabu żewġ minuti mixi 'l bogħod minn xulxin, u li ma kienx hemm parkeġġ viċin l-fond. Dwar ix-xhieda li ressqet l-appellata, jgħid li dawn huma kollha familjari jew ħbieb tagħha li xehdu permezz tal-affidavit u ġew kontro-eżaminati minnu. Dan kuntrarjament għal dak li għamel il-Bord fis-sentenza tiegħu tal-4 ta' April, 2023 fl-ismijiet **Dr. Noella Sciriha (K.I. nru. 15164(M)) bħala prokuratriċi speċjali ta' Rita Mifsud (K.I. nru. 259367(M))** ***vs.*** **Paul Galea (K.I. nru. 250165(M))**, Rik. nru. 52/2016MV, fejn minflok straħ fuq ix-xhieda ta' terz. Dwar id-dokument immarkat HB4, l-appellant jistaqsi minn fejn dan kien ġie akkwistat mill-appellata stante li huwa proprjetà tal-Kunsill Lokali. Jirrileva li l-Bord ma kkunsidrax ix-xhieda tal-imsemmi Kunsill, u skarta kull xhud u dokument li ppreżenta hu. Dwar iż-żewġ żjarat tal-Perit Beverly Costa, jirrileva

li fl-ewwel żjara ma kien inqala' xejn, u meta għamlet it-tieni żjara, jinsisti li din ma kellha l-ebda dritt tiftaħ il-bibien tal-gwardarobba u kxaxen, u għalhekk il-komportament tiegħu ma kienx wieħed kalm dakinhar. L-appellant jirrileva li jekk huwa tassew kellu xi ħaġa x'jaħbi, huwa kien jiftaħ il-bieb lill-Perit? Dwar l-allegati inkwilini tal-fond, huwa jgħid li ma tressqet l-ebda prova, għax ix-xhieda kienet ta' familjari u ħbieb li kellhom kull interess li jixhdu favur l-appellata. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2022 fl-ismijiet **Fidele sive Teddy Aquilina u martu Josephine Aquilina *vs.* Stephen Buttigieg,** Rik. nru. 317/15LM, jissottometti li l-aggravju tiegħu għandu jintlaqa'.

10. L-appellata twieġeb li l-Bord kien korrett fil-konklużjonijiet tiegħu. Dwar l-ilment tal-appellant li l-Bord ta iktar kredibilità lix-xhieda u l-provi tagħha, tirrileva li huwa stabbilit ferm li din il-Qorti ma tiddisturbax malajr l-evalwazzjoni tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti, għajr għal xi raġuni serja. Fil-każ odjern, tgħid li jirriżulta li l-Bord għamel l-eżami tiegħu bir-reqqa wara li kien sema' x-xhieda u osserva wkoll il-komportament tagħhom. Tirrileva li għalkemm il-Bord kien osserva li l-partijiet żammew ferm mal-pożizzjoni tagħhom, fl-ebda mument ma kkummenta li ż-żewġ verżjonijiet kienu possibbli. L-appellata tgħid li filwaqt li l-Bord għamel riferiment għal diversi sentenzi, dan spjega kif għandu jirregola ruħu rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi, u għaraf li l-verżjoni tagħha kienet teskludi dik tal-appellat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet u preponderanza tal-provi. Tgħid li dan osserva wkoll il-komportament tal-appellant u ta' martu fuq il-pedana tax-xhieda, tant li kellu jintervjeni diversi drabi, iżda wkoll il-fatt li l-Perit Beverly Costa ma tħallietx tagħmel xogħolha. L-

appellata ssostni li mhuwiex rilevanti li uħud mix-xhieda kienu membri tal-familja, għaliex min-naħa tiegħu l-Bord sab li l-evidenza tagħha kienet attendibbli. Tinsisti wkoll li l-Bord kien korrett meta ddeċieda li l-verżjoni tagħha hija waħda verosimili, u li dik tal-appellant ma kinitx. Tgħid li l-appellant kien kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja meta ma baqax jabita fil-fond, u minflok beda jissullokah lill-barranin u/jew ittrasferixxa l-kirja mingħajr il-kunsens espress tas-sid, u tgħid li dan jirriżulta mis-segwenti: (a) hija u żewġha dejjem sabu nies ta' nazzjonalità differenti kull darba li marru jħabbtu fuq il-bieb, u saħansitra wkoll meta l-appellant kellu jkun imsiefer; (b) il-Perit Costa kienet sabet tfajla Russa meta aċċediet flimkien mar-raġel tal-appellanta sabiex tagħmel stima tal-fond għall-fini tad-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-ġenituri tagħha, filwaqt li Tereża Marquette ukoll xehdet li kienet rat lil din il-persuna dieħla u ħierġa mill-fond; (ċ) ir-raġel tagħha xehed li darba minnhom meta ħabbat fuq il-bieb, huwa kien sab persuna mill-Pakistan, li qallu li huwa kien jirrisjedi hemmhekk flimkien mal-ħabib tiegħu, u li l-appellant ma kienx jafu, u dan filwaqt li din ix-xhieda hija kkorroborata minn Anton Gauci u Albert Pico li kienu marru miegħu dakinhar; (d) Martina Spiteri u Tereża Marquette li joqgħodu viċin, xehdu mingħajr ma ġew kontro-eżaminati jew ikkontestati, li huma kien raw diversi nies barranin deħlin u ħerġin mill-fond u bl-istess mod xehed Duncan Borg; (e) hija kienet ġabet prova li l-vettura tal-appellant kienet dejjem tkun fejn id-dar ta' martu, anki fin-12.30 ta' filgħodu, u kull meta hija ltaqgħet miegħu, dan kien jiġi minn dik in-naħa, filwaqt li Duncan Borg xehed li huwa kien ra lill-appellant ħiereġ diversi drabi mid-dar ta' martu; (f) il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kien ġibed l-attenzjoni li fil-fond kienu qegħdin joqgħodu xi barranin u dawn kienu qed

joħorġu l-iskart mhux fil-granet tiegħu; (ġ) il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kienu jindikaw li l-konsum ma kienx ta' persuna waħedha; (g) martu xehdet li l-appellant ikun għandha kuljum, u r-rikors promotur kien saħansitra ġie notifikat hemmhekk, u dan fejn filwaqt li huwa xehed li kien ilu jirrisjedi fih mis-sena 2001 sallum, martu ddikjarat li huwa kien telaq 'il barra meta sseparaw u baqgħet tgħix hemmhekk maż-żewġ uliedha; (għ) hija kienet xehdet li hekk kif kienu ġew istitwiti l-proċeduri odjerni, il-fond kien ingħalaq u ma kienx hemm iktar moviment ta' nies jgħixu fih. L-appellata tirrileva li min-naħa tiegħu l-appellant ma kienx ikkontesta dan kollu waqt ix-xhieda tiegħu, u mistoqsi in kontro-eżami min kien daħħal dawk in-nies fil-fond, huwa ma kienx ċaħad. Dan kollu sar mingħajr ma kiseb il-kunsens tagħha. Tirrileva li meta mbagħad talbitu għaċ-ċavetta, huwa ssuġġerielha li jagħmlu negozju flimkien billi jsibilha n-nies biex joqgħodu fih u mbagħad jaqsmu l-kera bejniethom. Meta hija m'aċċettatx, qalet li huwa kien wieġeb li hija kienet ser tispiċċa għaxar snin fil-Qorti.

11. Il-Qorti tikkunsidra li l-Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tal-artikolu 1554 u tal-artikolu 1555 tal-Kodiċi Ċivili, il-Bord għamel riferiment għall-pożizzjonijiet kontrastanti tal-partijiet, fejn l-appellata kienet qiegħda titlob għall-iżgumbrament tal-appellant billi dan ma kienx għadu jgħix fil-fond, iżda minflok kien qiegħed jikrih lil terzi mingħajr il-permess tagħha, filwaqt li l-appellant kien qiegħed jinnega li m'għadux jgħix hemm. Il-Bord għaraf li kien jirriżulta kunflitt fil-provi li tresqu quddiemu, fejn saħansitra kulħadd żamm ferm mal-pożizzjoni tiegħu. Wara li għamel riferiment għal dak li qalu l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar kif għandha tiġi riżolta kwistjoni fejn hemm

kunflitt ta' provi, u anki dwar il-prova li għandha ssir fejn tiġi allegata s-sullokazzjoni, il-Bord korrettement stqarr li b'hekk huwa għandu jagħmel evalwazzjoni tax-xhieda iżda anki tal-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda.

12. Il-Bord osserva li l-appellant u l-mara tiegħu Jennifer Sawan kienu aggressivi fit-tweġibiet tagħhom, u dan fejn kellu saħansitra jintervjeni huwa stess diversi drabi. Dan il-Qorti tista' tikkonfermah mit-traskrizzjoni tal-istess xhieda. Il-Bord kompla billi qal li dan l-aġir kien juri kemm huma kienu fuq id-difensiva l-ħin kollu, minkejja li żammew dejjem l-istess pożizzjoni. Iddikjara li madankollu wieħed jista' jkun konsistenti meta jixhed il-verità, iżda anki meta jixhed mod ieħor. Il-Qorti għandha tirrileva li ċertament u kuntrarjament għal dak suġġerit mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, il-Bord b'hekk ma wera l-ebda dubju dwar dak li kien qiegħed jifhem mix-xhieda u l-aġir tal-appellant u ta' martu, u għall-kuntrarju joħroġ ċar in-nuqqas ta' konvinċiment tiegħu fir-rigward tagħhom.

13. Il-Bord wara li kkunsidra dak li kienet qalet mart l-appellant, li l-Qorti tosserva hija l-uniku xhud li huwa ressaq in difiża diretta tal-allegazzjoni li huwa jgħix magħha, għadda sabiex stqarr li huwa ma jistax iwarrab ix-xhieda li ressqet l-appellata u l-evidenza tagħha stess. Irrileva li dawn kollha xehdu li huma kienu raw nies differenti diversi drabi fil-fond li ma kienux l-appellant, u hawnhekk huwa għamel riferiment partikolari għax-xhieda ta' Albert Pico u Anton Gauci. Il-Bord irrileva korrettement li hemm provi kemm diretti, kif ukoll indiretti, li kienu jagħmlu l-verżjoni tal-appellata iktar kredibbli.

14. Hawnhekk il-Bord ikkunsidra wkoll ix-xhieda tal-Perit Beverly Costa li kienet aċċediet darbtejn fil-fond, fejn fl-ewwel żjara ma kien inqala' xejn, iżda t-tieni darba li marret kienet ħassitha mheddha bil-mod kif kien qed iġib ruħu l-appellant, tant li ċemplet lill-Pulizija u telqet mill-fond. Il-Bord ikkunsidra ġustament għaliex il-Perit Costa ma kinitx tħalliet tagħmel xogħolha, jekk tassew l-appellant ma kellu xejn x'jaħbi. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jittenta jiġġustifika l-aġir tiegħu billi jallega li l-Perit Costa kienet bdiet tiftaħ il-gwardarobbi u l-kxaxen, imma l-Qorti tosserva li ma kien sar l-ebda kontro-eżami tagħha min-naħa tal-appellant, fejn setgħet ġiet ikkonfrontata b'dan, u għalhekk ftit li xejn issib kredibbli dak li qiegħed jiġi allegat minnu.

15. Il-Bord minn hawnhekk għadda sabiex investiga l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, prova li din il-Qorti tikkunsidra li għandha titfa' dawl fuq dak li kien tassew qed jiġri fil-fond. Qal li jekk tabilħaqq l-appellant kien ikollu miegħu lil uliedu, l-imsemmija kontijiet ma kienux juru daqshekk differenza. Il-Qorti żżid tgħid ukoll li mhuwiex daqstant kredibbli li kontijiet għall-konsum hekk qawwi kienu attribwibbli għall-fatt li fil-fond kien qed jgħix l-appellant flimkien mat-tliet uliedu. Il-Bord sewwa wkoll irrileva li lanqas kienet kredibbli l-asserzjoni tal-appellant li kien hemm żmien fejn kien hemm ħsara fil-*meter* tas-servizzi, għaliex din lanqas ġiet sostanzjata bi provi, fejn saħansitra ma saret l-ebda mistoqsija dwar dan l-allegat fatt lir-rappreżentant tal-ARMS meta dan ittella' jixhed, u lanqas ma ġie prodott xi xhud ieħor sabiex jikkonferma dan l-allegat fatt. Il-Bord sewwa wkoll irrileva li fuq il-kontijiet kien hemm indikat li kienu rreġistrati żewġ persuni, u l-appellant ma kienx innega dan.

16. Il-Bord għaraf forsi b'daqsxejn sarkażmu, li kien tassew ammirevoli li l-appellant u l-ex mara tiegħu baqgħu f'relazzjoni tajba wara li ż-żwieġ tagħhom kien tkisser irrimedjabbilment fl-2003, iżda huwa ġustament ma setax jinjora l-fatt li f'Ottubru 2007 kienet twieldet it-tieni wild tagħhom. Il-Bord għalhekk ikkunsidra li sa din id-data huma baqgħu jgħixu flimkien bħala koppja fir-residenza li ngħatat lilhom mill-Awtorità tad-Djar, u fil-fehma tiegħu kien verosimili li meta ngħataw dik id-dar lejn l-aħħar tal-2014, l-appellant kien issulloka l-fond in kwistjoni lil terzi mingħajr l-għarfien tal-appellata u bi qliegħ għalih. Il-Qorti filwaqt li tirrileva li l-appellant ma ressaq l-ebda xhud sabiex jirribatti l-allegazzjoni tal-appellata, għajr proprju l-ex mara tiegħu, li ċertament għandha x'titlef jekk il-fond jittieħed lura mis-sid, tgħid li ma tara l-ebda raġuni tajba għaliex għandha twarrab din il-fehma tal-Bord. Hija tikkondividi dak kollu li qal il-Bord, li b'hekk għadda sabiex laqa' t-talba tal-appellata. Iżżid tgħid li għalkemm l-appellant jittenta jwaqqa' l-kredibbilità tal-appellata b'riferiment għall-preżentata tad-dokumnent HB4, anki jekk l-argument tiegħu għandu jiġi aċċettat, dan ma jistax ikollu l-effett li jwaqqa' kull evidenza oħra li tressqet fil-proċeduri odjerni favur l-allegazzjonijiet tal-appellata.

17. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-ewwel aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[Jennifer Sawan mhiex parti mill-proċeduri]*

18. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li martu Jennifer Sawan mhijiex parti fil-proċeduri odjerni, iżda ressaqha bħala xhud fejn l-evidenza tagħha kienet waħda veritiera. Għalhekk il-Bord wasal għal konklużjoni skorretta u ordna

sabiex kopja tas-sentenza appellata kellha tiġi kkomunikata lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar u lill-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex jiġi nvestigat jekk hemmx lok li jittieħdu proċeduri kontriha fuq frodi u/jew dikjarazzjoni falza fost affarijiet oħra, in konnessjoni mal-applikazzjoni li hija kienet għamlet mal-Awtorità tad-Djar. L-appellant jikkontendi li b'hekk il-Bord kien qiegħed persuna mingħajr ħtija f'sitwazzjoni ta' biża u ta' riskju li jittieħdu passi ta' ċertu konsegwenzi kontriha, filwaqt li kienet qiegħda tirrisjedi f'akkomodazzjoni soċjali flimkien ma' żewġt ulied kif soġġetta għal mard. L-appellant jinsisti li l-Bord kien stqarr li kemm hu u kemm martu kienu konsistenti fil-provi tagħhom, u jissottometti li kieku martu nqabdet tigdeb, imbagħad il-Bord kellu kull dritt jieħu passi kontriha.

19. Dwar dan l-aggravju, l-appellata tissottometti li huwa għal kollox infondat għaliex l-appellant m'għandux dritt jappella għan-nom ta' martu. Tirrileva li fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-appellant u martu ppubblikat fil-15 ta' Diċembru 2003 fl-atti tan-Nutar Elsa Cardona, kien ġie miftiehem li l-fond kellu jiġi assenjat lill-imsemmija martu, u huwa kien tenut li jallontana ruħu minnu. L-appellata għalhekk tistaqsi x'raġuni kien hemm sabiex Jennifer Sawan tapplika għall-akkomodazzjoni soċjali, anki għaliex fl-istess kuntratt hija ddikjarat li hija kellha proprjetà parafernali oħra bin-numru 54, Psaila Street, Birkirkara. Tgħid li kien fid-dawl ta' dawn il-provi li l-Bord iddeċieda li kopja tas-sentenza kellha tiġi kkomunikata lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

20. Il-Qorti filwaqt li tagħraf li l-appellata għandha raġun tirrileva li l-appellant ma kellu l-ebda dritt jappella mill-aħħar parti tas-sentenza appellata

li tolqot lil martu, u li din setgħet faċilment tipprevalixxi ruħha mid-dritt tagħha ta' appell bħala terz interessat *ai termini* tal-artikolu 236 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkunsidra li l-Bord ġustament ma setax jippermetti li benefiċċjarja ta' akkomodazzjoni soċjali tkompli tqarraq bl-Awtorità tad-Djar sabiex tkompli tibbenefika minn dak li rriżulta mill-provi quddiemu b'mod tassew ċar li ma kellha l-ebda dritt għalih mill-bidunett.

21. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll jirriżulta mhux ġustifikat, u l-Qorti tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, anki fir-rigward il-kap tal-ispejjeż.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**